# Il-benefiċċju tat-tfal

FL-AĦĦAR artikli tiegħi tajt ħarsa lejn il-benefiċċji mhux kontributorji, jiġifieri dawk il-benefiċċji, għajnuniet u assistenzi li d-dritt għalihom mhuwiex marbut mal-ħlas tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali imma jingħataw skont id-dħul.

Fl-aħħar ftit xhur fil-fatt ittrattajt l-għajnuna soċjali (għal waqt inkapaċità għax-xogħol jew waqt qgħad), l-għajnuna soċjali għall-ġenituri singli, għall-'ċarers', il-pensjoni tal-età, il-pensjoni għall-wens, il-pensjoni għal diżabbiltà u l-għajnuniet mediċi inkluż il-kartuna r-roża.

Illum se nibda nagħti ħarsa lejn benefiċċji oħrajn li huma marbutin mad-dħul tal-applikanti u l-familja tiegħu, iżda huma kemmxejn differenti fin-natura tagħhom mill-benefiċċji li semmejt fuq. Din il-ħarsa bil-mod il-mod se ġġibna lejn it-tmiem ta' din il-ħarsa li se nkunu tajna lejn il-benefiċċji soċjali kollha.

Fil-fatt illum se nittratta benefiċċju li jolqot lill-ħafna nies u huwa benefiċċju importanti ħafna għall-ħafna familji speċjalment dawk bi tfal żgħar. Fil-fatt illum se nittratta l-benefiċċju tat-tfal.

### X'inhu l-benefiċċju tat-tfal?

L-allowance tat-tfal hija għajnjuna fi flus li titħallas lil ġenituri li għandhom il-kura u l-kustodja ta' tfal taħt is-16-il sena. It-tfal jistgħu jkunu kemm ulied naturali u kif ukoll ulied adottati legalment.

Ġenitur jista' jkun intitolat għall-allowance tat-tfal jekk ikun residenti Malta għal mill-anqas tlieta xhur qabel japplika u jekk hu jew il-konjugi jkunu ċittadini Maltin jew ċittadini tal-Unjoni Ewropea, taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Isvizzera, jew għandhom status ta' refuġjat, inkella huma ċittadini ta' pajjiż li bħal Malta rratifika l-Karta Soċjali Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa.

Tajjeb li nsemmi li l-allowance tat-tfal tista' titħallas ukoll anke lil persuni mhux residenti f'Malta taħt ir-Regolamenti (KE) 883/04, 987/09, 1408/71 u 574/72 f'każ ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea, taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Isvizzera li jkunu qed jaħdmu u jħallsu l-kontribuzzjonijiet f'Malta u li l-membri tal-familja tagħhom ikunu qed jgħixu f'xi wieħed mill-Istati Membri msemmijin u l-konjugi ma jkunx qed jaħdem f'dan il-pajjiż. Dwar dan ikolli l-opportunità li nikteb meta nittratta l-qasam tar-relazzjonijiet internazzjonali .



### Il-benefiċċju tat-tfal jitħallas skont id-dħul?

Bħala prinċipju, l-allowance tat-tfal titħallas lil kulħadd, irrispettivament mid-dħul. Madankollu, min jaqbeż dħul annwali ta' €23,983 jieħu biss rata bażika ta' allowance. Fil-fatt l-anqas rata ta' allowance tat-tfal li titħallas hija ta' €4.81 fil-ġimgħa jew €250 fis-sena għal kull wild taħt is-16-il sena.

Għall-kuntrarju, ġenituri li d-dħul gross tagħhom (f'każ ta' koppja jgħodd id-dħul gross tagħhom flimkien) matul is-sena ta' qabel issir it-talba ma jaqbiżx €23,983 fis-sena jistgħu jkunu intitolati għal allowance tat-tfal b'rata ogħla mir-rata bażika. Madankollu dan mhux dejjem jista' jkun il-każ, speċjalment jekk id-dħul ma jkunx wisq anqas mill-ammont imsemmi fuq. Tajjeb li nsemmi li mid-dħul gross mill-impjieg jitnaqqas l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jkunu tħallsu mill-ġenituri applikanti.

Tajjeb li ngħid ukoll li l-ogħla rata ta' allowance tat-tfal li tista' titħallas hija ta' €22.23 fil-ġimgħa jew €1,155.90 fis-sena għal kull wild taħt is-16-il sena.

### X'inhu kkunsidrat fil-kalkolu tad-dħul?

Fil-kalkolu tad-dħul jiġu kkunsidrati diversi sorsi tad-dħul. Fost dawn naturalment hemm id-dħul gross mill-impjieg li kif għidt minnu jitnaqqas l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigirtà soċjali mħallsin mill-applikanti u/jew il-konjugi tiegħu. Iżda hemm sorsi oħrajn li jiġu kkonsidrati bħal imgħaxijiet jew dividendi, kirjiet, dħul minn art imqabla mill-Gvern, dħul minn bejgħ ta' prodotti agrikoli, manteniment riċevut mill-applikanti mħallas lilha jew lit-tfal tagħha mill-konjugi u dħul ieħor.

Minħabba li l-allowance tat-tfal titħallas minn Lulju ta' sena sa' Ġunju tas-sena ta' wara, il-kalkolu tad-dħul ikun ibbażat fuq is-sena kalendarja (Jannar-Diċembru) ta' qabel. Jiġifieri, b'mod ġenerali jekk qed issir stima tad-dħul għal ħlas ta' allowance li se jibda minn Lulju 2011 sa' Ġunju 2012, il-kalkolu tad-dħul se jkun fuq is-sena 2010. Naturalment jeżistu xi eċċezzjonijiet għal din ir-regola, speċjalment fejn ikun hemm tibdil ta' ċirkostanzi bħal twelid ta' tarbija ġdida u waqfien mix-xogħol ta' ġenitur.

### Kif tinħadem ir-rata?

Ġaladarba jkun stabbilit x'inhuma s-sorsi tad-dħul tal-ġenituri applikanti, id-dħul kollu jingħaqad flimkien u dan imbagħad jistabbilixxi x'rata ta' allowance tat-tfal tkun tista' titħallas, dejjem skont in-numru ta' tfal taħt is-16-il sena.

Fil-fatt ir-rata mħallsa fis-sena għal kull wild taħt is-16-il sena hi ekwivalenti għal 6% tad-differenza bejn l-ammont ta' €23,983 u d-dħul stmat tal-koppja (jew ġenitur singlu jekk il-każ).

Biex nispjegaw, nagħtu żewġ eżempji biex jifhimna kulħadd. Eżempju A: Koppja jaħdmu t-tnejn, għandhom żewġt itfal taħt is-16-il sena u bejniethom għandhom id-dħul li ġej:

| Dħul | Tiegħu | Tagħha |
|---|---|---|
| Impjieg | €8,000 | €8,000 |
| Kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali | €700 | €700 |
| Dħul ieħor | €1,000 | Xejn |

Kif spjegajt qabel, mid-dħul mill-impjieg tal-koppja irid jitnaqqas l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Mela d-dħul mill-impjieg fl-eżempju A se jkun (€8,000 + €8,000) – (€700 + €700) = €14,600. Id-dħul l-ieħor huwa €1,000 mela d-dħul totali ta' din il-koppja għall-fini tal-allowance tat-tfal huwa €15,600.

Mela r-rata ta' allowance tat-tfal f'dan il-każ se tkun 6% x (€23,983 - €15,600) jew €502.98 fis-sena għal kull wild taħt is-16-il sena. La din il-koppja għandha żewġ itfal taħt is-16-il sena, ir-rata tal-allowance tat-tfal tagħhom tkun €1005.96 fis-sena jew €19.35 fil-ġimgħa.

Eżempju B: Koppja jaħdmu t-tnejn, għandhom tlett itfal taħt is-16-il sena u bejniethom għandhom id-dħul li ġej:

| Dħul | Tiegħu | Tagħha |
|---|---|---|
| Impjieg | €11,000 | €11,000 |
| Kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali | €1,000 | €1,000 |
| Dħul ieħor | €1,000 | €1,000 |

Mela la mid-dħul mill-impjieg tal-koppja jrid jitnaqqas l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, id-dħul mill-impjieg fl-eżempju B se jkun (€11,000 + €11,000) – (€1,000 + €1,000) = €20,000. Id-dħul l-ieħor hu (€1,000 + €1,000) mela d-dħul totali ta' din il-koppja għall-fini tal-allowance tat-tfal huwa €22,000.

Suppost li r-rata ta' allowance tat-tfal f'dan il-każ se tkun 6% x (€23,983 - €22,000) għal kull wild taħt is-16-il sena jew €118.98 fis-sena.

Madankollu, minħabba li kif spjegajt qabel l-anqas rata ta' allowance tat-tfal li tista' titħallas hi ta' €250 fis-sena jew €4.81 għal kull wild taħt is-16-il sena, il-koppja f'eżempju B fil-fatt titħallas allowance għat-tlett itfal li għandha bir-rata ta' €750 fis-sena jew €14.42 fil-ġimgħa.

Fuq in-naħa l-oħra tal-miżien, għal min id-dħul tiegħu hu baxx, kif għidt aktar qabel l-ogħla rata ta' allowance tat-tfal li tista' titħallas hi ta' €22.23 fil-ġimgħa jew €1,155.90 fis-sena għal kull wild taħt is-16-il sena. Dan ifisser li kull min qed fuq l-Għajnuna Soċjali jew għandu dħul ta' anqas minn €4,717 fis-sena jirċievi din ir-rata.

Meta ssir talba għall-allowance tat-tfal, isir stħarriġ u evalwazzjoni bir-reqqa tad-dħul tal-ġenituri applikanti skont il-kriterji stabbiliti. Infakkar fuq l-importanza li ssir dikjarazzjoni korretta u veritiera tad-dħul kollu tal-ġenituri meta ssir it-talba.

L-applikanti jistgħu jintalbu li jagħtu aktar tagħrif dwar id-dħul tagħhom inkluż dokumenti. Dan isir biex ikun stabbilit li t-talba hi ġenwina u d-dikjarazzjoni mogħtija mill-applikant hi korretta.

Infakkar li d-Dipartiment għandu l-poter li tagħtih il-liġi li jinvestiga dan kollu billi jikseb tagħrif minn sorsi oħrajn biex jiżgura li d-dikjarazzjoni mogħtija hi korretta. Għalhekk hu fl-interess tal-applikant li jagħmel dikjarazzjoni korretta għax jekk le, u jirriżulta li tkun qed titħallas allowance mhux bi dritt jew b'rata ogħla milli suppost, jista' jkun hemm konsegwenzi serji fosthom li jintalbu l-flus lura u li jittieħdu proċeduri legali bil-Qorti.

### Kif issir it-talba?

Jekk il-ġenituri qed japplikaw għall-ewwel darba, dawn jistgħu jagħmlu dan billi jimlew il-formola apposta, jiffirmawha t-tnejn u jippreżentawha lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali mhux aktar tard minn sitt xhur mit-twelid tat-tarbija flimkien mad-dokumenti meħtieġa. Importanti li l-applikazzjoni tasal fiż-żmien stipulat għax inkella dan ikun ifisser li l-allowance tat-tfal ma titħallasx mid-data tat-twelid tat-tarbija iżda mid-data tal-applikazzjoni.

Il-formola tal-applikazzjoni tista' tinkiseb mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jew minn kull Uffiċċju Distrettwali tal-istess Dipartiment kif ukoll tista' titniżżel mill-websajt tad-Dipartiment (http://soċialseċurity.gov.mt). F'każ ta' separazzjoni jew ġenitur singlu, il-formola trid timtela' mill-ġenitur li jkollu l-kura u l-kustodja tat-tfal. Ikun meħtieġ dokumenti legali li juru li l-applikanti effettivament għandu jew għandha l-kura u l-kustodja tat-tfal. Ma hemmx bżonn li jkunu sottomessi ċertifikati tat-twelid tat-tfal sakemm twieldu Malta.

Mal-formola jkunu jridu jiġu sottomessi dokumenti oħrajn bħal (i) FS3 tas-sena kalendarja ta' qabel qed issir it-talba (inkluż ta' impjieg partajm jekk il-każ) (ii) stima awditjata tad-dħul u l-ħruġ f'każ li min qed jagħmel it-talba jaħdem għal rasu (fil-każ ta' diretturi ta' kumpaniji jew azzjonarji li għandhom il-maġġoranza tal-ishma jkunu meħtieġa il-'Final Audited Aċċounts'), (iii) f'każ li min qed jagħmel it-talba jaħdem għal rasu, kopji tar-riċevuti tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jekk dawn ikunu tħallsu, u (iv) dokumenti oħrajn dwar id-dħul tal-applikanti jew f'każi fejn xi ħadd mill-ġenituri qiegħed fuq leave bla ħlas, separati jew kienu barra minn Malta għal aktar minn tliet xhur.

Biex wieħed jibqa' jirċievi l-allowance tat-tfal irid jagħmel talba ġdida kull sena biex issir stima ġdida tad-dħul tal-ġenituri. Il-formola tintbagħat bil-posta kull sena lill-benefiċċjarji u trid timtela' u tintbgħat lura bid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa sal-aħħar ta' April. Kull min id-dħul tiegħu jaqbeż it-€23,983 fis-sena m'għandux għalfejn joqgħod jimla' din l-applikazzjoni kull sena u l-ħlas tal-allowance jibqa' jsir b'mod awtomatiku sakemm it-tfal jagħlqu 16-il sena jew ma jkunx hemm xi tibdil fiċ-ċirkostanzi bħal tnaqqis fid-dħul.

### Proċedura ġdida

Tajjeb li ngħid li din is-sena, il-formola li se tintbagħat fid-

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika mhijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurta' soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurta' soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq soċial.seċurity@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159.*

16,17orTues.indd 2
2/21/11 6:28:42 PM

djar lil kull min għandu dħul ta' anqas minn €23,983 fis-sena se tkun kemmxejn differenti minn tas-soltu. Fil-fatt se tkun formola personalizzata li se jkun fiha d-dettalji tal-benefiċċjarji u l-informazzjoni l-oħra rilevanti li d-Dipartiment diġà għandu dwar il-każ, u l-applikanti kulma jridu jagħmlu huwa li jimlew l-informazzjoni nieqsa jew jirranġaw l-informazzjoni li tista' tkun żbaljata u jipprovdu d-dokumenti meħtieġa.

Ta' min isemmi li kull min qiegħed fuq l-għajnuna soċjali mhux se jirċievi din il-formola għax il-pagament tal-allowance tat-tfal se jibqa' għaddej bla waqfien u bl-ogħla rata imsemmija fuq, sakemm ma jkunx hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi. Jekk ikun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi hu importanti ħafna li jsir rapport fl-eqreb uffiċċju distrettwali.

**Il-metodu tal-ħlas**

L-allowance tat-tfal għal min għandu dħul ta' anqas minn €23,983 fis-sena titħallas bil-quddiem kull tliet xhur – fl-ewwel Sibt ta' Jannar, April, Lulju u Ottubru. Jiġifieri l-ammont dovut ta' sena jinqasam f'erba' pagamenti matul is-sena. Naturalment meta jkun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi jew twelid ta' trabi ġodda, isiru ħlasijiet addizzjonali fil-frattemp.

Min għandu dħul ta' aktar minn €23,983 fis-sena u allura jitħallas l-allowance tat-tfal minima, dan jirċievi pagament darba fis-sena fl-ewwel Sibt ta' Jannar. Il-pagament tal-allowance tat-tfal isir biss b'depożitu f'kont bankarju tal-għażla tal-benefiċjarji.

**Il-benefiċċju għal tfal b'diżabbiltà**

Min għandu tfal b'diżabbilta' fiżika jew mentali, minbarra l-allowance tat-tfal normali msemmijin fuq, jista' jkun intitolat ukoll għal allowance għal tfal b'diżabbiltà.

Il-kriterji biex tibbenefika minnha huma identiċi għal dawk tal-allowance tat-tfal ħlief għal żewġ fatturi ewlenin – (i) it-tifel jew tifla jridu jkunu ċċertifikati li minn bord mediku tad-Dipartiment li qed ibatu minn diżabbilta' fiżika jew mentali, u (ii) titħallas l-istess rata bażika lil kull min jikkwalifika irrispettivament mid-dħul tal-ġenituri.

Biex wieħed japplika għal din l-allowance irid isegwi l-istess proċedura kif spjegajt aktar qabel bid-differenza li mal-applikazzjoni l-ġenituri jridu jissottomettu evidenza medika dwar id-diżabbiltà ta' wliedhom.

Wara li t-tfal ikunu eżaminati minn bord mediku tad-Dipartiment, dan jista' jagħti parir lid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali li (i) jew titħallas din l-allowance sakemm jagħlqu s-16-il sena, (ii) jew titħallas għall-perjodu speċifiku li malli jgħaddi jkun irid isir eżami ġdid, (iii) inkella l-bord mediku jista' jikkonkludi li tfal m'għandhomx diżabbiltà li tintitolahom għal din l-allowance. Ir-rata tagħha hi ta' €16.31 fil-ġimgħa jew €848.12 fis-sena. Din titħallas b'żieda mal-allowance normali tat-tfal u bi tliet xhur bil-quddiem.



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

**Kont taf li...**

**• Jekk inti qed tiffosterja xi tfal jew tinsab interessat li tiffosterja xi tfal fil-futur, jeżisti benefiċċju fi flus li jista' mhux biss jgħinek finanzjarjament iżda wkoll jinkuraġġik li tagħmel dan?**

**• Ir-rata ta' benefiċċju għall-fostering hija ta' €70 fil-ġimgħa jew €3,640 fis-sena. Kwalunkwe familja, koppja miżżewġa, u individwi (f'ċertu każi partikolari biss), irrispettivament mill-età, klassi, razza jew reliġjon, jistgħu isiru foster ċarers wara li jingħataw taħriġ apposta, u wara li ssir evalwazzjoni tal-kapaċità tagħhom u eventwalment approvazzjoni mill-Bord għall-Fostering u l-Adozzjoni.**

**• Għal aktar tagħrif dwar il-fostering u x'tista' tagħmel jekk inti interessat li tiffosterja tista' tagħmel kuntatt mal-Fostering Service fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ fuq in-numru tat-telefon 22959000 jew iżżur is-sit http://www.appogg.gov.mt/childrenservices_fostering.asp**

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,
A41 Qasam Industrijali,
Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* ***ittri@unionprint.com.mt****. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġene- rali, mhux każi privati jew personali.*